# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 560

Il-Ġimgħa, 26 ta' Mejju, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fit-3.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 560.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

Is-Sinjuri Paul Mizzi, Horace Vella u Abigail Micallef talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 560.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 560.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

560.3.1 Wara talba li kien għamel il-Kunsill Lokali lil Transport Malta dwar gallarija li ntlaqtet bi trakk tal-ġebel fi Triq Xuxa, uffiċjali ta' Transport Malta ġew jaraw is-sitwazzjoni fil-post. Huma ssuġġerew lill-Kunsill Lokali sabiex jagħmel *traffic calming measures* fit-triq. Madanakollu, il-kunsill ma qabilx li jsir dan.

560.3.2 Is-sindku qal illi t-*traffic management* ta' Triq is-Santwarju Puniku lest u saret iż-żebgħa. Huwa ċċara illi fejn hemm żebgħa safra quddiem garaxx, sid ir-residenza jista' jipparkja xorta.

560.3.3 Il-Kunsill Lokali reġa' ddiskuta l-*bye law* li ser issir dwar restrizzjoni ta' dħul u passaġġ ta' vetturi tal-kostruzzjoni fil-lokalità ta' Kerċem. Din ġiet approvata sabiex tgħaddi għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

560.3.4 L-iskola Santa Tereza talbet sabiex tuża it-tinda għall-gradwazzjoni tat-tfal tal-kinder 2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

560.3.5 Irċevejna mistoqsija parlamentari numru 8930 dwar is-servizzi tal-Kunsilli Lokali fil-qasam tal-anzjani matul l-2021. Il-kunsill Lokali ta r-risposta tiegħu.

560.3.6 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsilli sabiex jimlew id-delega dwar l-istallazzjoni tal-bus shelters biex ikun jista' jipproċedi il-ftehim. Il-Kunsill Lokali qabel li tingħata din id-delega.

560.3.7 Saret talba mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru il-Gozo Sports Awards fi Pjazza Santa Luċija nhar il-25 ta’ Awwissu 2023. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

560.3.8 Il-Kunsill Lokali għadda l-informazzjoni li ntalbet min-naħa tar-Reġjun Għawdex dwar l-iskema ta' żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi.

560.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ewwel Quarterly report għas-sena 2023. Dan ġie approvat u iffirmat.

560.3.10 Ġie ffirmat il-*Pedal cycles agreement* flimkien mar-reġjun Għawdex.

560.3.11 Sar rapport illi hemm krejn abbandunat fi Triq ta' Doti. Dan ir-rapport għaddejnih

lill-Pulizija sabiex tinvestiga.

## 560.4 SPI/SCI/3/2023 – World clean up campaign 2023

Is-Sindku spjega illi il-Kunsill ser ikun qed jaħdem flimkien ma' Kerċem Ajax FC u Għaqda Għajn Tuta sabiex issir din il-clean up f'Settembru 2023. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema u ddeċieda li jagħmel riżoluzzjoni sabiex ikun jista' japplika għal din l-iskema.

## 560.5 SPI/SCI/4/2023 – Komunitajiet aktar siguri u organizzati

Il-Kunsill Lokali iddiskuta din l-iskema mal-Pulizija sabiex ikun jista' jwaħħal CCTVs madwar ir-raħal għall-prevenzjoni tal-kriminalità. il-Kunsill qabel illi 15% tas-somma globali għandha toħroġ min-naħa tal-Kunsill. Għalhekk ġie deċiż li se napplikaw għal din l-iskema.

## 560.6 Festa 2023

Is-Sindku spjega illi bħalma jsir kull sena ser nordnaw il-mobile toilets għal matul il-festa. Ġie diskuss illi il-gabbani jitpoġġew bħas-soltu fejn iċ-Ċentru Parrokkjali. Bħala tindif tal-festa ser nitkellmu mal-ħaddiema tagħna u naraw kif jistgħu jgħinu. Hawnhekk inqrat talba mill-Kumitat tal-Festa sabiex il-Kunsill iħallas xi *bouncing castle* u *band* għall-marċ tat-tfal. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 560.7 Miżura 4

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi bħalissa hemm kwotazzjoni miftuħa sabiex inġibu is-siġar u x-xitel għal dan il-proġett. Il-kunsill qabel illi jekk ma jitfagħha ħadd nerġgħu noħorġu l-kwotazzjoni u tintgħażel l-irħas kwotazzjoni ta' l-aktar offerta kompetenti. Is-sindku żied jgħid illi għarbilna l-ħamrija u l-ġimgħa d-dieħla ħa jibdew xogħlijiet fuq il-bankijiet.

## 560.8 Miżura 3

Dwar din il-Miżura ġie diskuss illi toħroġ l-offerta għall-attivita u tkun *'subject to funding'* peress li għadna qed nistennew il-permess.. Sar qbil li jsir hekk.

## 560.9 Miżura 4.4

Min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex talbuna sabiex nallokaw xi postijiet fejn jistgħu jinbnew ħitan tas-sejjieħ f'toroq pubbliċi permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropeja. Min-naħa tagħna tlabna sabiex jinbena l-ħajt ta' Triq Għajn Abdun u l-

ħajt ta' Triq il-Ġifna.

## 560.10 Triq Għajn Tuta

Bdew ix-xogħlijiet fi Triq Għajn Tuta u s-Sindku spjega illi s-servizzi tar-residenzi għandhom isiru mill-privat. Għaldaqstant ser tintbagħat ittra f'kull residenza sabiex navżawhom b'dan.

## 560.11 Ħsarat fi Pjazza Salvatore Busuttil

Is-Sindku qal illi bħal ma seta' kulħadd jinnota infetħet parti mit-triq f'din il-pjazza u hemm toqba. Taħt din il-pjazza għaddejja l-mina u għalhekk tlabna lill-Ministeru għal Għawdex biex jintervjeni. Fil-fatt, ġie l-Perit Godwin Sultana din il-ġimgħa, daħal ġol-mina, ħa xi ritratti, u ħa jiddiskutuha bħala Ministeru u jżommuna infurmati.

## 560.12 Ilmenti u Suġġerimenti

560.12.1 Saret talba biex jitnaddaf il-konkos fejn is-siġar fi Triq Pejpu. Ħa naraw x'hemm u x' jista' jsir.

560.12.2 Illum saret l-inawgurazzjoni tal-vann tal-elettriku. Il-Kunsill Lokali organizza *working lunch* mal-Onorevoli Zerafa Civelli fejn ġew diskussi l-bżonnijiet tal-Kunsill Lokali.

## 560.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 560.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fl-4pm u ġiet aġġornata għat-30 Ta' Ġunju, 2023 fis-2pm ta’ wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |